# Ċ 4.1 NIES LI JGĦINUNA



**Ċ4.1.1.**
Nidentifikaw xi wħud mill-persuni li jgħinuna fil-komunità, kemm dawk voluntiera kif ukoll dawk li huma impjegati.

**A. Liema minn dawn in-nies jgħinu lill-komunità tagħna? Pinġihom.**



| | | | |
|---|---|---|---|
| Il-kennies | Dun Mikiel Xerri | Il-President ta' Malta | It-tabib |
| Il-pulizija | L-għalliem | Il-kunsillier | Il-mexxej tal-Iscouts |
| Is-superjura tal-MUSEUM | Il-gwardjan lokali | Is-sindku | Is-saċerdot |

**B. Kompli dawn il-profili skont l-eżempju:**

**Eżempju:**

**Persuna li tgħinna:** It-Tabib

**Kif jgħinna:** Jagħtina pariri kif ma nimirdux u jgħinna nfiqu meta nimirdu.





**Persuna li tgħinna:** Il-Pulizija

**Kif jgħinna:** ______________________________

______________________________

**Persuna li tgħinna:** Is-Saċerdot

**Kif jgħinna:** ______________________________

______________________________





**Persuna li tgħinna:** L-Għalliem/a

**Kif jgħinna:** ______________________________

______________________________

**Persuna li tgħinna:** Il-Gwardjan Lokali

**Kif jgħinna:** ______________________________

______________________________



## Ċ. Aqra, imbagħad wieġeb il-mistoqsijiet.

**Impjegati u voluntiera.**

1. Il-pulizija huwa **impjegat**; huwa jirċievi salarju (il-paga) talli jagħmel xogħlu.



Liema minn dawn li ġejjin huma **impjegati** wkoll?

a) il-president tal-każin.

b) il-gwardjan lokali.

ċ) l-għalliem.

d) is-superjur tal-MUSEUM.

2. Ġanni Ellul huwa membru fil-kumitat tal-każin tal-banda. Ġanni ma jirċevix paga tax-xogħol li jagħmel fil-każin. Ġanni huwa **voluntier**.

Liema minn dawn li ġejjin huma **voluntiera** wkoll?

a) il-mexxej tal-grupp tal-Iscouts.

b) il-gwardjan lokali.

ċ) l-għalliem.

d) is-superjur tal-MUSEUM.



## D. Ikteb żewġ mistoqsijiet li tixtieq tistaqsi lill-mexxej tal-Iscouts tar-raħal tiegħek:

1. ______________________________________________

______________________________________________ ?

2. ______________________________________________

______________________________________________ ?

## E. Aqta' sing taħt it-tajba.

1. Marija ma tistax tifhem kif tinħadem somma. X'għandha tagħmel?



   a) tistaqsi lill-pulizija
   b) twaqqaf gwardjan lokali u tistaqsih
   ċ) tistaqsi lill-għalliema
   d) tfittex fuq enċiklopedija

2. Frida ilha jumejn b'daharha juġagħha. X'għandha tagħmel?
   a) tgħid lil sħabha tal-iskola
   b) tmur iċ-Ċentru tas-Saħħa u tara tabib
   ċ) tfittex fuq il-kotba
   d) tieħu mediċina li ssib fuq l-ixkaffa tal-kamra tal-banju

3. In-nannu ta' Fredu ilu ħmistax ma joħroġ barra għax marid. Jixtieq imur il-knisja imma ma jistax. Fredu kif jista' jgħin lin-nannu?
   a) ikellem lil taż-żebgħa
   b) jgħid lill-għalliem
   ċ) ikellem qassis
   d) ikellem lill-mexxej tal-*Iscouts*



4. Rożi toqgħod waħedha. Semgħet ħsejjes mhux tas-soltu ġejjin minn fuq il-bejt tad-dar tagħha. X'għandha tagħmel Rożi?
   a) iċċempel lill-kappillan
   b) iċċempel lill-pulizija
   ċ) tissakkar fil-kamra tas-sodda
   d) tixgħel it-televiżjoni

5. Wara li għamlet ħafna xita, it-triq tagħna mtliet kollha ħofor.

X'nista' nagħmel?

a) inkellem kunsillier

b) inkellem gwardjan lokali

ċ) inkellem lill-pulizija

d) ngħid lis-surmast



6. Ħija ħareġ bil-karozza u sakemm għalaq il-bieb tal-garaxx karozza oħra ħabtet mal-karozza tiegħu. Ħadd ma weġġa' imma l-karozza għandha l-ħsara.

X'għandna nagħmlu?

a) inċemplu lis-surmast tal-iskola

b) inċemplu lill-gwardjan lokali

ċ) nibagħtu għat-tabib

d) nibagħtu għas-sindku



**F. Nagħmlu Intervista.**

Sib personaġġ fil-lokalità tiegħek li jgħinek u staqsih xi domandi.

Ikteb 5 mistoqsijiet li se ssaqsih/ha.

1. ______________________________________________

2. ______________________________________________

3. ______________________________________________

4. ______________________________________________

5. ______________________________________________